MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2007

Numru. 4/2007

Il-Pulizija

(Spettur Maurice Curmi)

VS

JOSEPH MEILAQ ta’ 24 sena bin Raymond u Nazzarena nee’ Cachia imwieled Pieta’ u joqghod Bellizzi Estate, Flat 6, Triq Sant’Aristarku, Bugibba, limiti San Pawl il-Bahar detentur tal-karta ta’l-identita’ 306782(M)

U

ARTURO BUSUTTIL ta’ 44 sena bin Nazzareno u Fortunato nee’ Galea imwieled Pieta Malta fis-7 ta’ Mejju 1962 u joqghod 54, Rosanne, Triq San Pietru B’Bugia, detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 297062(M)

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Joseph Meilaq u Arturo Busuttil li permezz taghha huma gew akkuzati talli:

1. Fix-xahar ta’ Jannar 2005 f’Ghawdex b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immagginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlu qligh ta’ aktar minn Lm10 ghad-dannu ta’ diversi persuni ai termini ta’l-artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapioltu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Joseph Meilaq wahdu qed jigi akkuzat talli sar recidiv b’zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 04 ta’ April 2002 u 28 ta’ Ottubru 2002 rispettivament, liema sentenzi huam defintiivi u ma jistghux jigu mibdula, ai termini ta’l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici kriminali, Kapiotlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati sabie xihallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini ta’l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet illi l-imputati ammettew l-akkuzi migjuba kontra taghhom u dana anke wara illi l-Qorti tathom zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni taghhom.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputati f'dana l-istadju bikri tal-proceduri il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja ta'l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Illi dwar piena il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputati ammettew l-akkuzi fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Madanakollu mill-fedina penali rispettivi taghhom jidher illi dina ma hijiex l-ewwel darba illi l-imputati gew misjuba hatja ta' reati simili bhal dawk odjerni. Jidher illi l-imputati ghandhom dana il-vizzju illi jiehdu il-flus minn ghand in-nies f'isem xi istituzzjoni tal-karita'. Il-Qorti sejra tqies meta tigi biex tinfliggi il-piena illi l-hsara ikkagunata kienet wahda minima u lill-imputati ammettew mal-ewwel mal-pulizija u ghaddewlhom il-flus li kienu gabbru.

Il-Qorti ghalhekk qieghda taqta' u tiddeciedi billi issib lill-imputati hatja ta'l-akkuza migjuba kontra taghhom u wara li rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tiikundanna lill-imputati ghal piena ta' prigunerija ghal zmien sena liema perijodu ta' prigunerija b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ghandha tigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Illi fil-konfront ta' l-imputat Joseph Meilaq, il-Qorti qieghda tilliberah mit-tieni akkuza migjuba fil-konfornt tieghu u cioe' mill-akkuza prevista taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u dana stante illi ma tressqet l-ebda prova in konnessjoni ma'l-istess akkuza.

Il-Qorti qieghda tispjega lill-hatja bi kliem car l-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor li ghalih hem mil-piena ta' prigunerija, matul il-perijodu operattiv ta' dina is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------